MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 576/2005

**Avviz numru 576/05DM**

**Josephine Gauci (ID 336974 M)**

**Vs**

**Charles Bartolo (ID 133875 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm2,637) rapprezentanti bilanc ta’ flus dovuti mill-konvenut lill-attrici u dan kif ukoll kannonizzat bis-sahha ta’ kuntratt datat 7 ta’ Marzu, 2005, (kopja tieghu annessa ma’ l-Avviz u mmarkata bhala Dok ‘A’), liema dejn huwa cert likwidu u dovut kif ukoll jigi kkundannat ihallas dan l-ammont bl-ispejjez u bl-imghax sal-pagament effettiv, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokument esebit u semghet lill-attrici bil-gurament, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' elfejn, sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm2,637) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 ta' Dicembru, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------